MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 649/2005

**Joseph (955346M) u Josephine (244848M) konjugi Mifsud**

**Vs**

**Paul u Diane konjugi Cutajar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' seba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin (Lm787) rapprezentanti kera ghas-sena 2003 fuq il-fond, ossija hanut bl-isem ta' Blossorns, fi Triq Gurgier, B'Bugia u l-garaxx adjacenti fi Triq San Gwann, B'Bugia skond il-ftehim tat-23 ta' Jannar, 1997.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' seba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin (Lm787).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------